**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 28 t' Ottubru, 2016**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Silvio Magro)**

**vs**

**Marco Camilleri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Marco Camilleri detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 423771M.

Akkuzat talli matul nhar it-3 ta' Lulju, 2015 ghal habta tas-2:30pm jew hinijiet qabel, gewwa l-bini tal-Malta Int Airport (MIA) bil-hsieb li jikkommetti delitt ta' serq minn gewwa MIA, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, persuna, lok u valur li jaccedi Euro 2329.39.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti

jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta' Lulju, 2015 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw attentat ta' serq minn kamra fi hdan l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li tintuza sabiex jinzammu oggetti li jithallew mill-passiggiera li jghaddu minn dan l-Ajruport bi zball jew ghaliex jitilfuhom jew jinsewhom u dan sakemm huma jergghu jirritornaw ghalihom. Din il-kamra tinzamm imsakra u c-cwievet relattivi jinzammu minn zewg haddiema tal-Customer Care u mis-Security Office biss u l-access huwa limitat ghal dawn in-nies. Fit-3 ta' Lulju 2015 ghall-habta ta' 2.30pm zewg haddiema tal-Customer Care tal-MIA, Eleanor Curmi u Noel Gaffiero, marru sabiex jifthu l-bieb ta' din il-kamra izda meta dawru c-cavetta u pruvaw jifthu l-bieb deher li kien hem xi haga minn gewwa qed izzomm il-bieb milli jinfetah. Eleanor Curmi li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2015 u in kontro-ezami waqt l-udjenza tad-29 ta' April 2016, spjegat li hija eventwalment irnexxielha timbotta l-bieb il-gewwa bizzejjed sabiex tkun tista' tidhol u li malli dahlet fil-kamra sabet kaxxa wara l-bieb b' xi oggetti mxerdin fl-art hdejn l-istess kaxxa u rat lill-imputat odjern tiela' mal-ixkaffar li hem fil-kamra u hiereg minn spazju fejn kien hemm slab mis-soffitt maqlugh. Curmi rrapurtat

dan l-incident mal-ewwel lis-superjuri taghha fejn imbaghad gie nfurmat is-security personnel tal-Ajruport u l-Pulizija. Irrizulta li l-imputat kien ilu jahdem bhala technical officer jaghmel xoghol ta' Mastrudaxxa u maintenance generali fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ghal hamsa u ghoxrin sena. Meta saru searches fil-lockers u fuq il-persuna tal-imputat ma nstab xejn u meta huwa tkellem mas-security officers tal-Ajruport u mbaghad gie nterrogat mill-Pulizija[1] huwa sostna li kien dahal fil-kamra sabiex isib turnavit li kien waqalu madwar gimghatejn jew tlett gimghat qabel waqt li kien qed jaghmel xi xoghol fis-suffitt tat-tieni sular li jigi vicin din il-kamra. L-imputat qal li kien ftakar f'dan it-turnavit waqt li kien qed jirranga l-ghodda u ghalhekk ha sellum fil-kurutur fejn tinsab il-Lost and Found Room u dahal fil-karma mis-suffitt sabiex ifittex it-turnavit li fil-fatt sab u kien ghalhekk li Curmi ratu tiela mal-ixkaffar sabiex jerga' johrog bl-istess mod li kien acceda ghall-kamra. Mitlub jispjega ghalfejn kien hemm il-kaxxa qed timblokka l-bieb minn gewwa huwa qal li din waqghet waqt li huwa kien niezel mal-ixkaffar.

L-imputat li ta l-istess verzjoni tal-fatti meta ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-3 ta' Gunju 2016 ma kienx f' pozizzjoni jispjega il-ghala ghazel li jidhol fil-kamra mis-suffitt tlett gimghat wara li ntiliflu t-turnavit u mhux qabel u dan minflok talab lis-security personnel jifthulu l-bieb u jaghtuh access ghall-kamra b' mod regolari.

Ikkunsidrat;

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' attentat ta' serq kwaifikat bil-mezz, valur, lok u persuna.

[1] Vide stqarrija nserita a fol. 4 sa 6 tal-atti processwali.

Illi ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f' dan il-kaz jindika minghajr ombra ta' dubju li l-istess imputat ghandu jinstab hati ta' attentat ta' serq kwalifikat bil-mod kif hawn fuq inghad liema reat ma sehhx minhabba xi haga ghal kollox accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu u cioe' ghaliex dahlu fil-kamra Eleanor Curmi u Noel Gaffiero li accidentalment interrompew lill-imputat milli jkompli jesegwixxi s-serq tal-oggetti ta' valur li kienu jinstabu fil-kamra. Din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghal diversi ragunijiet li huma s-segwenti:-

1. L-imputat inqabad tiela mal-ixkaffar sabiex johrog mil-kamra mis-suffitt malli sema' lil Curmi u Gaffiero qed jippruvaw jissarraw mal-bieb sabiex jidhlu fil-kamra.

2. Il-kaxxa li nstabet wara l-bieb setghat tpoggiet biss mill-imputat li kien gewwa l-kamra u huwa evidenti li tqeghdet hem sabiex timpedixxi lil xi hadd minn barra milli jidhol.

3. Din il-kaxxa nstabet mal-art wara l-bieb u b' xi oggetti ta' certu valur bhal mobile phones imxerdin madwarha u dan jindika li xi hadd kien hareg l-affarijiet mill-kaxxa sabiex johodhom izda ghal xi raguni gie nterrot qabel ma lahaq ghamel dan u ghalhekk kellu jitlaq l-affarijiet imxerdin fin-nofs.

4. Mill-provi rrizulta li ma kienx minnu li xi gimghat qabel l-imputat kien gie assenjat xoghol f' dik l-area tal-Lost and Found Room jew fuqha u mill-provi rrizulta li l-jobs kienu jigu logged[2] u ghalhekk l-

[2] Vide emails a fol. 119 sa 122, dokumenti a fol. 1223 sa 154

ispjegazzjoni minnu moghtija dwar il-prezenza tieghu ma tistax titwemmen.

5. Minn imkien ma rrizulta li fil-gurnata u hin in dizamina l-imputat kien inghata xi xoghol fil-kurutur fejn tinstab il-Lost and Found Room u fejn instab is-sellum li huwa uza sabiex jaccedi ghas-suffitt tal-kamra de quo.

6. Mill-provi inoltre rrizulta[3] li l-procedura adottata ghall-access ta' kmamar imsakrin kien li jintalab xi hadd mis-security sabiex jakkompanja lil dak l-impjegat li jkollu bzonn dan l-access sabiex isiru ix-xogholijiet u jinfetah il-bieb tal-kamra bic-cwievet li jkunu ghand is-security personnel. Mill-provi rrizulta li access mis-suffitt meta tinkiser xi lock jew jintilfu c-cwievet ta' karma kienet mizura li tintuza in extremis u biss wara li jkunu gew ezawriti l-possibiltajiet l-ohra sabiex jigi ottenut access ghal kmamar imsakra.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni f' dan il-kaz rnexxielha tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien dahal fil-Lost and Found Room bil-modalita' inkonsweta hawn fuq deskritta sabiex jisraq u huwa gie nterrott minn Curmi u Gaffiero li dahlu fil-kamra mill-bieb u sabu l-kaxxa qed timbarra l-bieb minn gewwa. Din il-kaxxa wara l-bieb hija prova ulterjuri li l-imputat ma setghax ikompli jesegwixxi s-serq tal-oggetti ta' valur li kienu jinsabu fil-kamra proprju ghaliex gie nterrot minn Curmi u Gaffiero. Il-kwalifiki tal-lok, valur, mezz u valur lkoll jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

---

[3] Vide xhieda tal-Engineer Martin Dalmas a fol. 156 et sequitur.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa first time offender u ghandu fedina penali nadifa u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja sospiza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261, 263, 267, 268, 269, 278, 279, 280 , 20 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah hmistax (15) –il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' tliet (3) snin millum.

**MAGISTRAT**